MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 1432/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

Talli fit- 2 ta’ Dicebru 2011 ghal habta tas- 18.00hrs gewwa 11B Krystle, Telghet Rahal Gdid, Paola u f’ dawn il- Gzejjer, wettaq serq ta’ mobile phone tad- ditta LG ta’ lewn silver, liema serq huwa kkwalifikat bil- hin, lok u bil-persuna ghal detriment ta’ Yvonne Abela minn Rahal Gdid u/ jew persuni ohra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi ghalhekk il-qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, li huwa minorenni, u ghalhekk ismu ma jistax jixxandar bil-ligi, kien id-dar ta' habib tieghu fit-2 ta' Dicembru 2011, u waqt li kien hemm, ha "mobile phone" li kien ta' hu l-habib tieghu. Xi jiem wara, l-imputat uza l-istess apparat u cempel lill-habib tieghu mill-istess mobile, li ovvjament gharaf in-numru ta' huh, u ghalhekk gie rapportat lill-Pulizija. Dan kollu hu indikat fl-istqarrija li l-imputat stess irrilaxxja, u hija evidenti ferm li din kienet bravata stupida u bluha taz-zoghzija. Ir-res furtiva giet ritornata malli l-Pulizija sabu lill-imputat fil-pussess tal-mobile misruq, u ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri.

Bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati u tista' tghaddi ghas-sentenza. Kwantu ghall-piena, peress illi l-imputat huwa minorenni, il-piena titnaqqas bi grad jew tnejn. Il-Qorti ma tarax li ghandha taghti prigunerija f'dan il-kaz, izda hija aktar propensa taghti sanzjoni fil-komunita', ghalkemm ir-reat hu ghal kollox ikkundannabbli, u l-Qorti qed tkun klementi mal-imputat in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu, tal-fedina penali netta, u tal-eta' ferm tenera tieghu. Madankollu, il-Qorti tispera li din l-esperjenza sservih ta' taghlima, u ma jergax jaghmel reati ohra, ghax il-konsegwenzi zgur li jkunu hafna aghar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 37, 261(d)(e)(f), 268(b), 269(g) u 270 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------